**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Silvester Zahra**

**Kumpilazzjoni Numru: 529/2014**

**Illum, 20 ta' Lulju, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Silvester Zahra, detentur tal-karta tal-identita` numerata 207288M, akkuzat talli nhar it-18 ta' Marzu, 2014, ghall-habta ta' bejn it-8.30 l-11.30 ta' filghaxija, gewwa l-lokalita` tar-Rabat, Malta:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq

il-bieb ta' barra tal-komun tal-fond maghruf bhala 'Hermar' liema proprjeta` hija sitwata gewwa Triq Mons. A. Buhagiar, Rabat, Malta u kif ukoll fuq xi ghamara ohra gewwa l-proprjeta` msemmija ghad-dannu ta' Herbert u Maria Vassallo u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan bi ksur tal-Artiklu 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni KIM-921 ghad-dannu ta' Herbert u Maria Vassallo u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux izjed minn elf, mija w erbgha w sittin euro w disgha w sittin centezmu (€1164.69), u dan bi ksur tal-Artiklu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe' lil Maria Vassallo u Kimberly

Vassallo biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 221(1) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju w glied, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta fit-02 ta' Frar, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. J. Padovani LL.D), liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fit-02 ta' Frar, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. J. Padovani LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Maria Vassallo u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb li huwa mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata mill-imputat tal-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-posizzjoni tieghu – verbal tal-21 ta' Ottubru 2019 a fol. 24 tal-atti processwali;

Permezz tal-istess verbal tal-21 ta' Ottubru 2019 id-difiza talbet li jithejja *pre-sentencing report*.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2020, il-*Probation Officer* Marilyn Attard pprezentat *pre-sentencing report* (Dok MA1) fejn ix-xhud irrakkomandat dan li gej: *'L-Ufficjal tal-Probation sottoskritta umilment tirrakkomanda li Sylvester Zahra jitqieghed fuq Ordni ta' Probation ghal perjodu massimu. Din l-Ordni ghandha tinkludi kundizzjoni fejn l-imsemmi jrid jaghmel kuntatt ma' xi agenzija ghal kontra l-vizzju tad-droga, jaghmel kuntatt ma' psikjatra u psikologu.'*

Rat il-verbal tat-2 ta' Marzu 2020 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja kif ukoll l-istqarrija tal-imputat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Mag. Dr. Jacqueline Padovani LL.D. LL.M) tat-2 ta' Frar 2012 esebita a fol. 68 tal-process fejn l-imputat tqieghed taht ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' sentejn, kif ukoll il-Qorti ordnat li l-perjodu operattiv ta' erba' snin ta' sentenza sospiza jerga' jibda jghodd mill-gdid.

Rat il-verbal tas-26 ta' Ottubru 2015 fejn l-imputat iddikjara li huwa lest ihallas id-danni dovuti lil Maria Vassallo.

Rat il-verbal tal-24 ta' Ottubru 2016 fejn il-parte civile Maria Vassallo ddikjarat li thallset pjenament a saldu ta' kull pretensjoni u ddikjarat illi tahfer lill-imputat ghal dak li ghamel. Kimberly Vassallo ddikjarat li qed tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli u li ma tixtieqx tixhed fil-konfront tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi l-Qorti nnutat li l-imputat inghata zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra l-ammissjoni tieghu stante li kien hemm trapass ta' zmien bejn l-ammissjoni tieghu (seduta tal-21 ta' Ottubru 2019) u s-seduta meta l-partijiet kkonfermaw li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza (seduta tat-2 ta' Marzu 2020).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 338(dd) u 338(bb), fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat Silvester Zahra hati biss tar-raba' (4), tal-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi kif dedotti kontrih kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva; u dan stante illi l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi huma istitwibbli bil-kwerela tal-parti li dawn gew rinunzjati ghalihom u stante illi ghas-seba' (7) akkuza l-kumplament tal-akkuzi li bihom gie akkuzat l-imputat huma ta' natura kontravenzjonali l-Artikolu 28B(1) ma japplikax u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha u stante li t-tmien (8) akkuza ma tirrizultax u dan stante li r-reati odjerni graw wara li l-Ordni ta' Probation

datata tnejn (2) ta' Frar elfejn u tnax (2012) ghaldaqstant ma tistax issib htija fuq din l-akkuza. Ghaldaqstant tikkundanna lill-imputat Silvester Zahra ghall-Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 ghal zmien sentejn (2) dekorribbli mil-lum, liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat Silvester Zahra sabiex ihallas l-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri liema spejjez jammontaw ghal tmien ewro u tnejn u sebghin centezmu (€8.72c).

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**